RETTIFIKA

Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/502/UE tal-10 ta' Awwissu 2011 dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Esperti fit-Traffikar tal-Bnedmin u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/675/KE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 207, tat-12 ta' Awwissu 2011)

Fl-Anness, f'paġna 18, l-ewwel sentenza għandha tinkludi data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet, u għalhekk din għandha tkun kif ġej:

"L-applikazzjonijiet mimlija kif dovut għandhom jintbagħtu sa mhux iżjed tard mill-14 ta' Ottubru 2011 jew bil-posta elettronika jew bil-posta fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General Home Affairs
Unit A2 Secretariat
LX 46 3/131
1049 BRUSSELS
Belgium
HOME-ANTITRAFFICKING@ec.europa.eu"

Rettifika għar-Regolament (KE) Nru 662/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar materji partikolari li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 200, tal-31 ta' Lulju 2009)

F'paġna 29, l-Artikolu 12(2):

minflok: "2. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà kkonkluda n-negozjati iżda ma jkunx għadu kkonkluda l-ftehim, għandhom japplikaw l-Artikolu 3, l-Artikolu 8(2) sa (4) u l-Artikolu 9.",

aqra: "2. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà kkonkluda n-negozjati iżda ma jkunx għadu kkonkluda l-ftehim, għandhom japplikaw l-Artikolu 3, l-Artikolu 8(2) u (3) u l-Artikolu 9.".

Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 664/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet f'materji matrimonjali, materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri u materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment, u l-liġi applikabbli f'materji marbuta mal-obbligi ta' manteniment

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 200, tal-31 ta' Lulju 2009)

F'paġna 50, l-Artikolu 12(2):

minflok: "2. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà kkonkluda n-negozjati iżda ma jkunx għadu kkonkluda l-ftehim, għandhom japplikaw l-Artikolu 3, l-Artikolu 8(2) sa (4) u l-Artikolu 9.",

aqra: "2. Fejn, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jkun diġà kkonkluda n-negozjati iżda ma jkunx għadu kkonkluda l-ftehim, għandhom japplikaw l-Artikolu 3, l-Artikolu 8(2) u (3) u l-Artikolu 9.".
